## PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**ONOR. IMĦALLEF MARK SIMIANA, LL.D**

*Rikors Ġuramentat Numru 398/2016 MS*

**Austin Darmanin**

**Vs.**

**Josephine sive Joyce Darmanin, u b'dikriet tas-27 ta' Ġunju 2024, l-atti f'isem l-intimata Josephine sive Joyce Darmanin qed jiġu trasfużi f'isem Victor Darmanin, Dorothy Fava, Carmen Camilleri, Marlene Agius, Rita Aquilina u Catherine Said**

Illum, 15 ta' Lulju, 2024

Kawża Numru: 4

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors ġuramentat preżentat mill-attur fit-18 ta' Mejju, 2016, li bih huwa, wara li ppremetta hekk:

**<u>Dikjarazzjoni tal-Fatti</u>**

Illi fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Novembru tas-sena elfejn u ħmistax (2015) ġiet nieqsa Antonia Darmanin, armla ta' Paul Darmanin u omm ir-rikorrenti Austin Darmanin, detentur tal-karta tal-identità bin-numru 988649M (kopja taċ-ċertifikat tal-mewt annessa u mmarkata **'Dok. ADI'**)

Illi 1-imsemmija Antonia Darmanin ħalliet jissopravvivuha lis-seba' uliedha lkoll kontendenti f'din il-kawżia, u ċioe' lir-rikorrenti Austin Darmanin, u s-sitt intimat Josephine sive Joyce Darmanin, Dorothy Fava, Carmen Camilleri, Marlene Agius, Rita Aquilina u Catherine Said.

Illi kif jirriżulta mir-riċerki testamentarji (kopja hawn annessa u mmarkata **'Dok. AD2'**), id-decusa Darmanin għamlet erba' (4) testmenti matul ħajjitha, u cioe' testment unica charta ma żewġha (li ġie nieqes qabilha) fl-atti tan-Nutar Dottor Anthony Attard tas-sbatax (I 7) ta' Frar tas-sena elf disa' mija u tnejn u disgħin (1992) (kopja ta' liema qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala **'Dok. AD3'**), testment fl-atti tan-Nutar Dottor Margaret Heywood tal-għaxra (10) ta' Jannar tas-sena elfejn u sitta (2006) (kopja ta' liema qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat **'Dok. AD4'**), testment fl-atti tan-Nutar Dottor George *sive* Jurgen Galea tal-għaxra (10) ta' Novembru tas-sena elfejn u hdax (201 I) (kopja ta' liema qiegħed jiġi anness u mmarkat **'Dok. AD5'**) u testment fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Debono datat sebgħa (7) ta' Marzu tas-sena elfejn u tlettax (2013) (kopja ta' liema qiegħed jiġi anness u mmarkat **'Dok. AD6'**).

Illi jirriżulta mill-aħħar testment tad-decusa Antonia Darmanin (**'AD6'**) illi filwaqt li irrevokat u ħassret kwalunkwe testment preċedenti, ħalliet lill-intimati wlieda bħala 1-werrieta universali tagħha fi kwoti ndaqs u iddeżeredat lir-rikorrenti binha Agostino sive Austin Darmanin "*minħabba li huwa ħati ta' offiża gravi lejn it-testatriċi*".

Illi fit-testment in kwistjoni (**'AD6'**), id-decusa Antonia Darmanin ma tfissirx ir-raguni ta' 1-offiża gravi li ssir riferenza għaliha kif trid il-liġi tassattivament u li per konsegwenza tagħha, ir-rikorrenti ġie ddikjarat bħala diżereditat .

Illi in oltre', ma hux minnu illi r-rikorrenti Austin Darmanin qatt wettaq xi *offiża gravi* fil-konfront tad-decusa ommu Antonia Darmanin. Ad oltranza, u dan kif ser jirriżulta mill-provi tul il-mori tal-kawża odjerna, 1-istess rikorrenti kien jieħu ħsieb ta' ommu u r-relazzjoni ta' bejniethom kienet

waħda tant tajba u ta' fiduċja reċiproka illi l-istess decusa Antonia Darmanin kienet ħatret lir-rikorrenti Austin Darmanin bħala prokuratur flimkien ma l-intimata oħtu Joyce Darmanin, hekk kif jirriżulta minn kopja tal-prokura hawn annessa u mmarkata bħala **'AD7'**.

Illi proprju fid-disgħa' (9) ta' Awwissu tas-sena elfejn u ħdax (2011) d-decusa Antonia Darmanin daħlet f'dar ta' l-anzjani f'wied il-għin u dan b'kunsens komuni bejn l-aħwa kontendenti f'din il-kawża peress illi l-istess Antonia Darmanin ma kienitx għadha f'posizzjoni li tgħix waħidha fid-dawl tenut kont tal-kundizzjoni ta' saħħitha, u dan hekk kif għandu jirriżulta mil-provi u x-xhieda tul il-mori tal-kawża odjerna, u fuq parir tat-tabib Dr Frank Fenech.

Illi minn hawn 'il quddiem uħud mill-intimati f'din il-kawża bdew jassoġġettaw lid-decusa għal pressjoni u ngann fil-konfront tar-rikorrenti Darmanin, tant illi ħolqu tensjoni kbira u addirittura spiċċaw jakkużaw lill-istess rikorrenti Darmanin, li fih sa dak iż-żmien kienet tafda ħafna id-decusa Antonia Darmanin, illi kien qiegħed japprofitta ruħu minn xi flejjes tal-istess decusa Darmanin. Dan kollu wassal biex ġiet irtirata l-prokura fil-konfront tar-rikorrenti Darmanin u sussegwentement ġie diżereditat .

Illi l-volonta' u l-intenzjoni tat-testatrici kienu suggetti ghal pressjoni u ingann li b'hekk irrendew il-kapacita' u l-kunsens ta' l-istess testatrici bhala difettużi. Dan senjatament jinghad fid-dawl tal-kundizzjoni ta' saħħet l-istess testatriċi waqt li kien għaddej dan kollu.

Illi proprju ftit wara Ii bdiet il-pressjoni u beda l-ingann u t-tixwix imsemmi fil-paragrafi precedenti, t-testatriċi kienet sfurzata tagħmel it-testment tal-10 ta' Novembru 2011 (**'AD5'**) fejn it-testatriċi filwaqt li ħassret u irrevokat kull testment li kienet għamlet qabel ħalliet lir-rikorrenti binha s-sehem minimu skont il-liġi filwaqt li istitwixxiet lill-intimati ħutu l-oħra bħala l-werrieta universali tagħha.

Illi l-pressjoni, l-ingann u t-tixwix baqa' jippersisti sakemm id-decusa Antonia Darmanin ġiet imġiegħla tiddeżerita lir-rikorrenti binha Austin Darmanin bit-testment tal-2013 (**'AD5'**) kif imsemmi fis-suespost.

Illi għar-raġunijiet premessi, ir-rikorrenti għandu l-interess illi t-testmenti tas-sena 2011 (**'AD5'**) u tas-sena 2013 (**'AD6'**) jiġu ddikjarati nulli u bla effett ai fini u effetti kollha tal-liġi b'dan illi japplikaw d-dispożizzjonijiet tat-testment tal-2006 (**'AD4** ') illi jirriflettu pjenement l-intendiment tad-decusa Antonia Darmanin qabel l-ingann,

il-pressjoni u t-tixwix da parti mill-intimati u/jew uħud minnhom li wasslu għal inġustizzja gravi fil-konfront tar-rikorrenti

Illi r-rikorrenti għal dan il-għan interpella lill-intimati permezz ta' ittra uffiċjali bin-numru 1483/16 datata 3 ta' Mejju 2016 kopja ta' liema qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala **'AD8'** iżda dawn baqgħu inadempjenti u għalhekk ma kellu l-ebda alternattiva għajr illi jistitwixxi dawn il-proċeduri.

**<u>Raġuni tat-Talba</u>**

Illi t-testment tad-decusa Antonia Darmanin tas-sena elfejn u tlettax (**'AD7'**) huwa milqut minn difett proċedurali stante illi l-istess decusa tonqos milli tispeċifika u tfisser ir-raġuni li trid tkun waħda skont il-liġi u li għaliha iddiżeridat lir-rikorrenti Austin Darmanin skont kif huwa tassattivament ipprovdut mil-liġi li tirregola l-istitut tas-suċċessjoni testamentarja.

Illi in oltre', kemm it-testment tas-sena elfejn u tlettax (2013) (**'AD7'**) u kemm it-testment tas-sena elfejn u hdax (2011) (**'AD6'**) huma afflitti minn difetti essenzjali għall-validità' tagħhom u dana billi meta t-testatriċi Antonia Darmanin għamlet l-imsemmijin testmenti, hija kienet assoġġettata għal pressjoni qawwija, ingann u tixwix da parti tal-intimati jew uħud minnhom fil-konfront tar-rikorrenti Austin Darmanin, b'konġetturi inveritieri u foloz, liema atteġġjamenti flimkien mal-kundizzjoni ta' saħħet it-testatriċi, rendew lill-istess testatriċi nieqsa mill-kapaċità rikjesta mil-liġi sabiex tagħmel l-imsemmija testmenti.

Illi jeżistu l-elementi kollha li trid il-liġi u ben stabbiliti mill-ġurisprudenza nostrana, li ser jirriżultaw minn provi preċiżi u univoci tul il-mori tal-kawza odjerna, sabiex dina l-Onorabbli Qorti tiddikjara illi t-testatrici ma kellhiex il-kapacita' testamentarja sabiex tagħmel it-testmenti tal-2011 (**'AD6'**) u tal-2013 (**'AD7'**) u għalhekk tiddikjara l-istess testmenti bħala nulli u bla effett ai fini u l-effetti kollha tal-liġi.

ipproċeda biex jitlob lil din il-qorti prevja kwalsiasi dikjarazzjoni jew provvedimenti illi jidhrilha xierqa jew opportuni, jogħġobha:

(1) Tiddikjara u tiddeċiedi illi d-decusa Antonia Darmanin ma kellhiex il-kapaċità testamentarja sabiex hija tagħmel it-testment datat l-10 ta' Novembru 2011;

(2) Tiddikjara u Tiddeċiedi illi d-decusa Antonia Darmanin ma kellhiex il-kapaċità testamentarja sabiex hija tagħmel it-testment datat is-7 ta' Marzu 2013;

(3) Tiddikjara u Tiddeċiedi illi l-provvediment dwar id-deżeredazzjoni fit-tesment datat is-7 ta' Marzu 2013 huwa null u bla effett stante illi ma tingħatax tifsira tar-raġuni tal-istess deżeredazzjoni skont kif trid il-liġi;

(4) Konsegwentement Tiddikjara u Tiddeċiedi illi t-testment datat l-10 ta' Novembru 2011 huwa wieħed null u bla effett ai fini u effetti kollha tal-liġi, u sussegwentement tgħaddi sabiex tħassar u tikkanċella l-istess testment, jekk ikun meħtieġ bin-nomina u ħatra ta' Nutar kif jidhrilha l-Qorti;

(5) Konsegwentement Tiddikjara u Tiddeċiedi illi t-testment datat is-7 ta' Marzu 2013 huwa wieħed null u bla effett ai fini u effetti kollha tal-liġi, u sussegwentement tgħaddi sabiex tħassar u tikkanċella l-istess testment, jekk ikun meħtieġ bin-nomina u ħatra ta' Nutar kif jidhrilha l-Qorti;

(6) Konsegwentement, Tillikwida sehem ir-rikorrent mill-patrimonju tad-decusa, jekk ikun il-każ bil-ħatra ta' periti nominandi;

(7) Tordna u tikkundanna lill-intimati sabiex iħallsu lir-rikorrent s-sehem hekk likwidat;

Bl-imgħaxijiet bl-ogħla rata permessa fil-liġi, u bl-ispejjeż kontra l-intimati illi minn issa qegħdin jiġu nġunti għas-subizzjoni.

2. Rat ir-risposta ġuramentata preżentata mill-konvenuti fit-8 ta' Ġunju 2016[1], li permezz tagħha ġie eċċepit hekk:

Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom u dan ghar-ragunijiet li jsegwu:-

1. Illi preliminarjament ir-rikorrent ghandu qabel xejn jiddikjara x' tip ta' azzjoni qieghed jinterponi permezz tar-rikors promotur tieghu u dana stante li mill-korp tac-citazzjoni jirriżulta li hemm kumulu ta' azzjonijiet. B'mod partikolari għandu jiddikjara jekk huwiex qed jattakka fl-intier taghhom it-testmenti b'nullità fuq il-bazi tal-

[1] A folio 47.

kaptazzjoni u suggestjoni jew, invece, u singolarment, id-disposizzjoni testamentarja relattiva ghad- dizeridazzjoni;

2. Illi di piu' jigi rilevat illi t-talbiet tar-rikorrent ma jsegwux u dan l-għaliex anke jekk ghas-sahha tal-argument, din l-Onorabbli Qorti kellha tilqa' t-tielet talba u tiddikjara illi l-provvediment dwar id-dezeredazzjoni fit-testment tas-7 ta' Marzu 2013 huwa null, ma jsegwix bhala cffett li t-testmenti tad-defunta jigu dikjarati nulli u għalhekk ir-raba' u l- hames talbiet huma improponibbli;

3. Illi fil-mertu, u bla pregudizzju ghall-premess, il-volontà tat-testatrici, f'dan il-kaz omm il-partijiet, ghandha tigi rispettata u dan ghar-raguni illi l-istess testatrici kellha ragunijiet validi sabiex tiddezerida lir-rikorrent, liema ragunijict gew espressi fit-testment kif titlob il-ligi;

4. Illi f'kull kaz, jinkombi fuq ir-rikorrent li jippruva illi tali ragunijiet ma kienux legittimi;

5. Illi di piu' jigi rilevat illi d-defunta kellha l-kapacita testamentarja sabiex taghmel iz- zewg testmenti, li r-rikorrenti qed jittanta jattakka u jannulla u dan kif anke ccertifikat mit-tobba;

6. Finalment l-esponent jopponu wkoll għall-ispejjeż tal-proċeduri odjerni;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez u bl-imgħaxijiet kollha kontra r-rikorrent li huwa minn issa ingunt in subizzjoni.

3. Rat ix-xiehda u d-dokumenti kollha miġbura, flimkien mal-atti proċesswali fl-intier tagħhom;

4. Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet;

5. Rat li l-kawża tħalliet għal-lum sabiex tiġi deċiża;

Ikkunsidrat:

6. Illi b’din il-kawża, l-attur iressaq bosta talbiet li jirrigwardaw l-eredità ta’ ommu, l-mejta Antonia Darmanin. Huwa jrid li jiġu dikjarati nulli u bla effett it-testmenti

magħmula mill-istess Antonia Darmanin fl-10 ta' Novembru 2011 u fis-7 ta' Marzu 2013[2]. Irid ukoll li d-diżeredazzjoni magħmula fil-konfront tiegħu permezz tat-testment tas-7 ta' Marzu 2013 tiġi dikjarata bla siwi billi ma ngħatatx ir-raġuni li minħabba fiha huwa ġie diżereditat, kif trid il-liġi. Konsegwentement għal dawn id-dikjarazzjonijiet, l-attur imbagħad irid lil din il-qorti tillikwida s-sehem tiegħu mill-patrimonju t'ommu.

7. Fit-talbiet tiegħu l-attur jagħmel riferenzi mtennija għat-testment tas-7 ta' Marzu 2013. Fil-verità, ir-riferenza hawnhekk hija għat-testment tat-28 ta' Frar 2013, li ġie nsinwat fis-7 ta' Marzu 2013. Din ir-riferenza żbaljata ġiet imsewwija b'dikriet mogħti fit-30 ta' Mejju 2024. F'kull każ, din il-qorti, b'applikazzjoni tal-prinċipju ta' ekwipollenza, kienet se tifhem kull riferenza għad-data tas-7 ta' Marzu 2013 bħala riferenza għat-28 ta' Frar 2013 (ara f'sens simili ***Raymond Formosa et vs. Michael Zerafa et***, Appell Superjuri, 30/9/2011).

8. Illi eżami tar-rikors ġuramentat li bih inbdiet din il-kawża juri li l-attur qed jimpunja bħala nulli ż-żewġ testmenti preċitati minħabba n-nuqqas ta' kapaċità fit-testatriċi b'konsegwenza ta' kaptazzjoni eżerċitata fuqha mill-konvenuti jew min minnhom.

9. Huwa biss loġiku li qabel xejn jiġu kkunsidrati u deċiżi dawk it-talbiet tal-attur li jirrigwardaw il-validità tat-testmenti msemmija, billi jekk dawn it-talbiet jiġu milqugħa, ma jkunx neċessarju li tiġi kkunsidrata t-tielet talba, u ċjoè dik dwar il-validità tad-diżeredazzjoni magħmula kontra l-attur.

Ikkunsidrat:

10. Illi l-provi prodotti mill-partijiet jistgħu jiġu esposti bil-mod segwenti.

11. Illi missier il-kontendenti, Paul Darmanin, miet fl-14 ta' Novembru, 1992[3]. Jidher li l-eredità tiegħu kienet regolata minn testment *unica charta* li huwa għamel flimkien ma' martu Antonia Darmanin fl-atti tan-Nutar Anthony Attard tas-17 ta' Frar 1992[4]. Permezz tiegħu, huma ħallew lil xulxin b'titolu ta' legat reċiproku l-użu u l-użufrutt tal-

[2] Fil-verità, din hija d-data meta ġie nsinwat it-testment datat 28 ta' Frar 2013.
[3] Ara folio 11.
[4] Ara folio 14.

assi in ġenerali tagħhom għal matul il-ħajja tas-superstiti fosthom, bl-eżenzjoni mill-obbligu tal-kawzjoni u tal-inventarju, iżda bid-dekadenza mill-istess legat f'każ li s-superstiti fosthom jgħaddi għat-tieni żwieġ. Il-konjuġi Darmanin innominaw bħala werrieta tagħhom lis-sitt uliedhom il-kontendenti, f'ishma ndaqs bejniethom, b'eċċezzjoni tal-konvenuta Carmen Camilleri, li lilha tħalliet biss il-leġittima. F'dan it-testment, il-konjuġi superstiti ingħata l-fakultà li jvarja d-dispożizzjonijiet testamentarji li jirrigwardaw l-eredità proprja mingħajr ma jinkorri l-penalitajiet komminati fil-liġi.

12. Antonia Darmanin, li mietet fit-28 ta' Novembru 2015, għamlet numru ta' testmenti. Fost dawn it-testmenti hemm is-segwenti:

i. dak konfezzjonat fl-atti tan-Nutar Margaret Heywood fl-10 ta' Jannar 2006[5]. B'dan it-testment, Antonia Darmanin żiedet mat-testment li hija għamlet ma' żewġha Paul Darmanin billi rreintegrat lill-konvenuta Carmen Camilleri bħala werrieta flimkien mal-kontendenti l-oħrajn. Mill-bqija kkonfermat l-istess testment konġunt tas-17 ta' Frar 1992;

ii. dak konfezzjonat fl-atti tan-Nutar George sive Jurgen Galea tal-10 ta' Novembru 2011[6]. B'dan it-testment, hija rrevokat kull testment ieħor preċedenti tagħha, u ħalliet lill-attur biss il-porzjoni riservata skont il-liġi. Bħala eredi tagħha, hija ħatret f'ishma ndaqs bejniethom lill-konvenuti. Ma' dan it-testment ġie mehmuż ċertifikat maħruġ mill-Psikjatra Anthony Dimech li Antonia Darmanin kellha l-kapaċità neċessarja biex tagħmel testment;

iii. l-aħħar wieħed huwa dak konfezzjonat min-Nutar Joseph Debono fit-28 ta' Frar 2013[7]. Permezz tiegħu[8], hija ħassret u rrevokat it-testmenti preċedenti tagħha. Filwaqt li eżentat lill-uliedha mill-obbligu tal-kollazzjoni, hija ddiżereditat lill-attur «*...minħabba li huwa ħati ta' offiża gravi lejn it-testatriċi*», u nnominat bħala werrieta tagħha lill-konvenuti fi kwoti ndaqs bejniethom. Anki ma' dan it-testment ġew mehmuża żewġ ċertifikati psikjatriċi rilaxxati mill-istess Psikjatra Anthony Dimech.

---

[5] Ara folio 17.
[6] Ara folio 20.
[7] Ara folio 12 u 13.
[8] Ara folio 25.

13. Irriżulta wkoll li fis-27 ta' Jannar 2011, Antonia Darmanin ħatret bħala mandatarji tagħha lill-konvenuta Josephine magħrufa bħala Joyce Darmanin kif ukoll lill-attur, b'mod konġunt bejniethom. Din il-prokura saret quddiem in-Nutar Mary magħrufa wkoll bħala Mariella Mizzi[9].

14. L-attur xehed illi sas-sena elfejn u ħdax (2011), ommu ma kienet uriet ebda sinjali ta' dimenza. Sa dak iż-żmien, qal l-attur, huwa u l-membri tal-familja tiegħu kellhom relazzjoni tajba ħafna ma' ommu, u kienu jżuruha bosta drabi sabiex jaraw xi jkollha bżonn, peress li kienu joqgħodu viċin. Jgħid li l-konvenuti ma kienux jgħinu fil-bżonnijiet tal-omm, sakemm marret tgħix f'dar tal-anzjani, u għalhekk ix-xogħol kien jaqa' kollu fuqu[10], u kien hu li kien jieħu ħsieb l-affarijiet t'ommu[11]. Il-konvenuti però jgħidu li anki huma kienu jieħdu ħsieb ommhom, iżda jistqarru li l-amministrazzjoni tal-finanzi t'ommhom kienet f'idejn l-attur, li ma kien jurihom b'xejn[12].

15. L-attur xehed li d-diżgwid fil-familja nqala' fis-sena 2011, b'rabta mas-suċċessjoni ta' missier il-kontendenti, li kien ħa ħsiebha hu fuq struzzjonijiet t'ommu. Hu jgħid li ħutu bdew jistaqsuh xi spjegazzjonijiet u kopji ta' dokumenti, u li hu, dejjem fuq struzzjonijiet t'ommu, ma kien tahom xejn sabiex ma jinqala' ebda diżgwid. Minkejja dan, ħutu kisbu xi dokumenti mid-dar t'ommhom, u d-diżgwid inqala' xorta waħda. Kien għalhekk li l-kontendenti ftehmu li jiltaqgħu fid-dar tal-omm sabiex l-attur jagħti xi spjegazzjonijiet.

16. Mart l-attur, Catherine Darmanin, spjegat li d-diżgwid bejn l-aħwa Darmanin kien inqala' wara li żewġha kien għamel operazzjoni f'dahru li minħabba fiha ma setax jieħu ħsieb l-affarijiet tal-omm. Sabiex saret din l-operazzjoni, ommu għenitu finanzjarjament, u skont Catherine Darmanin, l-istess ammont li ngħata lill-attur kien ingħata wkoll mill-omm lill-konvenuti. Waqt il-konvalexxenza tal-attur, l-oħt il-kbira tal-attur kienet tiġi fid-dar tiegħu sabiex huwa jispjegalha x'kellha tagħmel[13].

[9] Ara folio 31.
[10] Ara x-xiehda bl-affidavit tal-attur, a folio 73.
[11] Ara wkoll ix-xiehda ta' Catherine Darmanin, a folio 99.
[12] Ara x-xiehda bl-affidavit tal-konvenuta Dorothy Fava, a folio 554.
[13] Ara folio 101 u 102.

17. Skont ix-xiehda tal-attur[14], ħutu bdew jaħsbu li huwa kien approprja ruħu minn xi flus u imgħaxijiet li kienu jmissu lill-omm. Huwa ċaħad kategorikament dawn l-akkużi ta' ħutu, u jgħid li qatt ma ttieħdu passi kontra tiegħu. Wara dan l-episodju, Antonia Darmanin kienet affidat l-amministrazzjoni ta' ħwejjiġha lill-attur u lill-konvenuta Josephine sive Joyce Darmanin, b'mod konġunt, permezz tal-prokura li diġà ssemmiet aktar qabel. Peress li s-saħħa fiżika tal-omm bdiet tmur lura, kif ukoll minħabba l-fatt li ġiet ċertifikata mit-Tabib Frank Fenech li kellha bidu ta' dimenza[15], jgħid l-attur, ittieħdet id-deċiżjoni li l-omm tmur tgħix f'dar tal-anzjani, u hekk sar fid-9 t'Awwissu 2011. Hi baqgħet tgħix hemmhekk sakemm mietet fis-sena 2015[16].

18. L-attur u martu xehdu li Antonia Darmanin bdiet tinsa ħafna, inkluż affarijiet importanti, u li għalhekk ma kinitx ta' weħidha[17]. Meta kienet tabita fid-dar tal-anzjani, kienet indipendenti, fis-sens li kienet tinħasel weħidha[18], u kienet tieħu ħsieb il-bżonnijiet tagħha weħidha. L-infermier min-naħa l-oħra xehed li kellha bżonn l-għajnuna biex tinħasel[19]. Hija kienet tbati mill-pressjoni u miz-zokkor[20], li però kienu kontrollati. Jidher li l-kuntatt li d-dar tal-anzjani kellhom kien mal-konvenuta Joyce Darmanin[21].

19. It-Tabib Frank Fenech xehed li huwa kien it-tabib kuranti ta' Antonia Darmanin għal perjodu ta' madwar seba' jew tmien snin, sakemm hija marret tabita fid-dar tal-anzjani[22]. Hu kien jinvistaha fid-dar tagħha billi kellha xi problemi ta' mobilità, u solitament kien jibgħat għalih l-attur. Hu xehed li Antonia Darmanin kienet tbati bl-*arthritis* u mill-pressjoni, «*...imma ma kienx hemm affarijiet ta' barra minn hawn*»[23]. It-Tabib Fenech għaraf ukoll iċ-ċertifikat maħruġ minnu fis-sena 2011 fejn ikkonferma li Antonia Darmanin kellha l-bidu ta' dimenza, li mmanifestat ruħha f'okkażjonijiet fejn kienet tbati fil-memorja tagħha. Hu xehed li ma ppreskriva ebda mediċina għaliex is-

---

[14] Ara x-xiehda bl-affidavit tal-attur, a folio 73.
[15] Ara wkoll ix-xiehda ta' Catherine Darmanin, a folio 98.
[16] Ara x-xiehda ta' Gianella Camilleri, a folio 148.
[17] Ara folio 98.
[18] Ara x-xiehda ta' Gianella Camilleri, a folio 151.
[19] Ara x-xiehda ta' Alastair Chetcuti, a folio 155.
[20] Ara x-xiehda ta' Alastair Chetcuti, a folio 154.
[21] Ara x-xiehda ta' Gianella Camilleri, a folio 152.
[22] Ara folio 200.
[23] Ara folio 201.

sintomi kienu ħfief[24]. Madanakollu l-attur ippreżenta, bil-ġurament tiegħu, irċevuti li juru x-xiri ta' mediċini relatati mal-kondizzjoni ta' dimenza fis-sena 2011[25].

20. Mid-dokumenti miżmuma fil-*file* mediku ta' Antonia Darmanin fl-Isptar Mater Dei, il-qorti setgħet tara bosta dokumenti[26] li jirreferu għal fatt li omm il-kontendenti kienet tbati minn kondizzjoni ta' dimenza, iżda bosta mit-tobba jew professjonisti mediċi li ġew prodotti biex jixhdu ma setgħux jispjegaw min wasal għal din id-dijanjożi – anzi, jidher li dawn attribwew din id-dijanjożi għal ħaddieħor[27]. L-attur ipproduċa bħala xhud tiegħu lit-Tabib Joseph Farrugia Agius, li spjega li Antonia Darmanin daħlet taħt il-kura tiegħu fit-3 ta' Marzu 2013. Jidher li hi ddaħlet l-isptar minħabba uġiegħ f'sidirha kif ukoll pressjoni u zokkor għoljin[28]. Wara li ġiet eżaminata, irriżulta li ma kinitx tbati minn qalbha. Dan it-tabib spjega wkoll li Antonia Darmanin kienet qed tingħata mediċina minħabba l-istat mentali tagħha, li kienet diġà qed tieħu. Hu xehed li dwar x'qed tħoss, il-pazjenta kienet tinftiehem sewwa, iżda l-infermiera qalulu li kienet diżorjentata[29].

21. L-attur fix-xiehda tiegħu isemmi episodju fejn ommu ma riditx tiffirma *cheque* lilu u lil Joyce Darmanin sabiex jitħallsu xi utilitajiet qabel ma turih lil oħtu Carmen, u dan għaliex ma kinitx qed tafdah billi ħutu l-oħrajn kienu qed jgħidulha li hu kien qed jisraqha[30]. Dan l-episodju kien segwit minn okkażjoni oħra fejn l-omm u l-konvenuti fittxew lill-attur f'daru u bdew jakkużawh li kien seraq lill-ommu. L-attur jgħid li f'dawk iċ-ċirkostanzi huwa għażel li ma jibqax mandatarju tal-omm, u minfloku ġiet maħtura l-konvenuta Dorothy Fava. L-attur jgħid li wara dan, spiċċa l-kuntatt bejnu u bejn il-konvenuti. U anki l-kuntatt bejnu u bejn ommu naqas. L-attur jgħid li ommu emmnet l-akkużi foloz li ħutu għamlu fil-konfront tiegħu, u kien għalhekk li hu twarrab mill-aħħar testmenti tagħha[31].

---

24 Ara folio 204.
25 Ara folio 479 u 480.
26 Ara per eżempju folio 407, 411, 416, 418, 430, fost oħrajn.
27 Ara per eżempju x-xiehda ta' Dr Beatrice Farrugia (a folio 213 u 214) u x-xiehda ta' Dr Franco Camilleri (a folio 215).
28 Ara x-xiehda tat-Tabib Joseph Farrugia Agius a folio 506 u 507.
29 Ara folio 507 u 508.
30 Ara x-xiehda bl-affidavit tal-attur, a folio 74.
31 Ara folio 75.

22. Min-naħa tagħhom, il-konvenuti jgħidu li ommhom neħħiet lill-attur minn prokuratur tagħha meta huwa riedhom jiffirmaw dokument li jaċċettawh bħala prokuratur tal-omm. Jgħidu li meta l-attur ried lill-ommhom tiffirma *cheque* li skont hu kien għall-utilitajiet, inqala' diżgwid u għajjat kbir fid-dar tal-anzjani tant li kellhom jintervjenu l-impjegati[32].

23. Il-konvenuti jgħidu li ommhom kienet tibża mill-attur[33], u li riedet tagħmel testment ġdid u kienet hi stess li tathom il-biljett tan-nutar, li huma kellhom ifittxu sabiex isibu fejn iżomm l-uffiċċju tiegħu. Jgħidu li ommhom weħidha daħlet tagħmel it-testment tagħha[34]. Il-konvenuti kollha xehdu li l-omm eskludiet lill-attur mill-wirt tagħha għaliex ħasset li hu kien abbandunaha[35].

24. Mart l-attur, Catherine Darmanin, xehdet li l-omm, matul ħajjitha, kienet qasmet id-deheb tagħha bejn l-aħwa kollha, inkluż l-attur[36].

25. Meta l-omm iddaħħlet l-isptar żmien qasir qabel mietet, jidher li kienet invistata minn tobba newrologi jew ġerijatriċi, li kkonstataw li tassew kellha diffikultajiet konjittivi[37] li kienu severi[38]. Fuq in-noti kliniċi li ttieħdu fl-aħħar jiem tal-ħajja ta' Antonia Darmanin[39], tniżżel il-kliem «*Demented X 3yrs*», liema tagħrif ingħata minn familjari tal-pazjent[40].

26. Ġie wkoll prodott biex jixhed il-Psikjatra Anthony Dimech, li huwa l-psikjatra li ħejja ċ-ċertifikati li ġew mehmuża mat-testmenti mpunjati. Huwa kkonferma li meta eżamina lil Antonia Darmanin fl-2011 u fl-2013, ma sabx raġunijiet għaliex jeskludi l-kapaċità testamentarja fiha[41]. Xehed li meta eżaminaha fit-tieni okkażjoni, u ċjoè fis-sena 2013, pjuttost ma sab ebda differenza, u f'dik l-okkażjoni anki amministra eżami mediku

[32] Ara x-xiehda bl-affidavit tal-konvenuta Dorothy Fava, a folio 555, kif ukoll tal-konvenuta Josephine sive Joyce Darmanin, a folio 583.
[33] Ara per eżempju x-xiehda tal-konvenuta Rita Aquilina, a folio 563, u ta' Catherine Said, a folio 571.
[34] Ara x-xiehda bl-affidavit tal-konvenuta Dorothy Fava, a folio 556, kif ukoll tal-konvenuta Carmen Camilleri, a folio 559.
[35] Ara per eżempju x-xiehda tal-konvenuta Josephine sive Joyce Darmanin, a folio 584.
[36] Ara folio 106.
[37] Ara x-xiehda ta' Dr Josanne Vassallo, a folio 513.
[38] Ara folio 433, kif ukoll ix-xiehda ta' Dr Mark Anthony Vassallo, a folio 541.
[39] Ara folio 434.
[40] Ara x-xiehda ta' Dr Josanne Vassallo, a folio 515.
[41] Ara folio 611 u 612.

psikjatriku, li minnu rriżulta li ma kinitx tbati minn kondizzjonijiet li jistgħu jaffettwaw il-kapaċità mentali tagħha. Waqt il-kontro-eżami tiegħu, il-Psikjatra Dimech stqarr li fir-rigward tal-istorja medika tal-pazjenta, huwa jkun straħ fuq li qaltlu l-pazjenta stess jew inkella l-qraba tagħha[42]. Huwa spjega wkoll li mhux kwalsiasi kondizzjoni ta' dimenza twassal biex teskludi l-kapaċità testamentarja, iżda dik il-kondizzjoni trid tkun avvanzata.

Ikkunsidrat:

27. Illi din il-qorti tħoss li huwa doveruż għaliha li, qabel xejn, tenfażizza li l-kawżali dedotta mill-attur għall-impunjazzjoni tal-aħħar żewġ testmenti magħmula minn ommu m'hijiex dik tal-inkapaċità naturali tagħha, b'konsegwenza tal-infermità mentali tagħha, iżda dik tal-kaptazzjoni eżerċitata mill-konvenuti, li minħabba l-qagħda ta' saħħa tat-testatriċi, irnexxielhom iġiegħluha tagħmel dawn l-istess testmenti. Il-kawżali tal-kaptazzjoni hija ġuridikament distinta minn dik l-oħra prospettata mill-attur fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu.

28. Illi l-kawżali dedotta mill-attur hija dik tal-kaptazzjoni huwa kjarament espress fir-rikors ġuramentat tiegħu. Hekk, per eżempju, fid-dikjarazzjonijiet tal-fatti numerati tmienja sa ħdax, l-attur ripetutament isemmi t-tixwix, ingann u pressjoni eżerċitati mill-konvenuti fuq ir-rieda tat-testatriċi. Hekk ukoll fit-tieni u fit-tielet raġunijiet tat-talbiet minnu espressi fir-rikors ġuramentat, huwa bl-aktar mod ċar spjega li d-difett li qed jiġi attribwit lit-testmenti mpunjati kien il-fatt «*...li meta t-testatriċi Antonia Darmanin għamlet l-imsemmijin testmenti, hija kienet assoġġettata għal pressjoni qawwija, ingann u tixwix da parti tal-intimati jew uħud minnhom fil-konfront tar-rikorrenti Austin Darmanin, b'konġetturi inveritieri u foloz, liema atteġġjamenti flimkien mal-kundizzjoni ta' saħħet it-testatriċi, rendew lill-istess testatriċi nieqsa mill-kapaċità rikjesta mil-liġi sabiex tagħmel l-imsemmija testmenti*». Tassew illi fit-tieni paragrafu tar-raġunijiet tat-talba, l-attur jirreferi għall-istat ta' saħħa tat-testatriċi – dan però biss bħala l-kuntest li fih il-kaptazzjoni ġiet eżerċitata mill-konvenuti fuq it-testatriċi. Kemm hu hekk, il-frażi «mal-kundizzjoni ta' saħħet it-testatriċi» m'hijiex ċirkoskritta

[42] Ara folio 613.

għas-saħħa mentali tagħha, kif kien ikun il-każ li kieku l-attur kien qed jimpunja t-testmenti minħabba l-infermità mentali tat-testatriċi.

29. Ukoll m'huwiex inopportun li jiġi rilevat illi ġie miżmum fil-ġurisprudenza li l-kawżali ta' infermità mentali u ta' kaptazzjoni jistrieħu fuq pedamenti ġuridiċi distinti li huma nkompatibbli u ma joqgħodux flimkien. L-infermità mentali teskludi l-kapaċità tat-testatur minħabba li r-rieda u l-intenzjoni tiegħu ma setgħux jiġu iffurmati kif imiss skont il-liġi, filwaqt li l-kaptazzjoni tippresupponi li t-testatur għandu l-kapaċità li jifforma kemm rieda u kemm intenzjoni, iżda dawn ma ġewx minnu ffurmati liberament minħabba l-kaptazzjoni eżerċitata fil-konfront tiegħu. Fid-deċiżjoni ***Mary Grech et vs. Maria Borg*** (Appell Superjuri, 28/3/2014) ġie ritenut:

> Trattat l-ewwel aggravju relatat mal-kompatibbilta` o meno tat-talbiet attriċi, din il-Qorti tara li l-atturi resqu talbiet li huma fil-verita` kontradittorji għalkemm alternattivi. L-atturi qed jallegaw li, fl-ewwel lok, it-testment huwa <u>null</u> peress illi d-decujus ma kellux, fil-mument li rrediġa t-testment, il-pjeni poteri mentali tiegħu, u, fit-tieni lok, li t-testment huwa <u>validu</u>, izda l-konvenuta ma tistax tiret peress illi b'qerq ġegħlet lit-testatur jagħmel it-testment kif għamlu. Din it-tieni kawżali tikkontradixxi dak premess fl-ewwel parti tar-rikors ġuramentat, peress li hawnhekk qed jiġi allegat illi t-testment huwa validu u t-testatur kien *sanis mentis* iżda ġie ingannat mill-konvenut. Parti li qed tattakka testment ma tistax, f'nifs wieħed, tgħid li t-testment hu null u li hu validu – u dan fl-istess kawża!

30. Din il-qorti għalhekk jidhrilha li huwa applikabbli dak osservat fid-deċiżjoni ***Vincent Cachia vs. Carmelo Cachia et*** (Appell Superjuri, 15/2/1957)[43], u ċjoè: «*Rettament interpretata, il-premessa fuq riportata għandha tinftiehem li t-testatur kien ta' stat mentali debboli, u mħabba f'hekk, il-pretiż żegħil u qerq da parti tal-konvenuti, u pressjoni da parti ta' ħadd ieħor, kellhom l-effett li huwa, mingħajr ma kien ried, ġie kostrett jagħmel id-dispożizzjonijiet testamentarji in kwistjoni, li fuq dan il-motiv l-appellanti jsostni li huma nulli u ta' ebda effett minħabba nuqqas jew vizzju tal-kunsens da parti tat-testatur. Hija fuq dik il-kawżali biss li f'dan il-ġudizzju qegħedha tintalab id-dikjarazzjoni tan-nullità tat-testment fuq imsemmi, u mhux anki fuq l-inkapaċità assoluta tat-testatur, billi din l-aħħar kawżali ma tinsabx dedotta fl-att taċ-ċitazzjoni;*

[43] Kollezz. Vol.XLI.i.83.

*u lanqas tista' tiġi ritenuta kompriża jew involuta, billi, kif ġie deċiż minn din il-Qorti fit-28 ta' Mejju 1926 in re "D'Anastas vs. D'Anastas" (Vol.XXVI-I-498), "l'impugnazione del testamento per captazione e suggestione presuppone la capacità del testatore, e quindi contraddice alla impugnazione per incapacità assoluta*»[44].

31. Magħduda ma' dawn il-konsiderazzjonijiet hemm ukoll dik ulterjuri li quddiem il-qrati superjuri, ma jistgħux jitqiesu kawżali jew talbiet ħlief dawk effettivament dedotti. Prinċipju dan li huwa kristallizzat permezz ta' ġurisprudenza kostanti (ara per eżempju ***Joseph Mary Farrell v. Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud***, Appell Superjuri, 24/6/2011; ***World Marketing Services Limited v. Lift Services Limited et***, Appell Superjuri, 26/1/2022).

32. Għalhekk din il-qorti sejra tqis biss il-kawżali tal-kaptazzjoni, u se tkun qed tikkonsidra l-kondizzjoni mentali tat-testatriċi biss sa fejn din tinfluwixxi fuq il-kwalità u l-effetti tal-kaptazzjoni li l-provi talvolta juru li seħħet fil-konfront tat-testatriċi[45].

Ikkunsidrat:

33. Illi r-regola ġenerali mfissra fl-artikolu 596(1) tal-Kodiċi Ċivili hija li: «*Dawk kollha li mhumiex magħduda inkapaċi taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi, jistgħu jiddisponu jew jirċievu b'testment*». Issa skont l-artikolu 597(b) tal-istess Kodiċi: «*Huma inkapaċi li jiddisponu b'testment: ... (b) dawk li, għalkemm mhux interdetti, ma jkunux kapaċi li jifhmu jew li jkollhom volontà, jew li, minħabba xi difett jew ħsara, ma jkunux kapaċi, ukoll permezz ta' interpreti, li jesprimu r-rieda tagħhom*».

34. Ġie awtorevolment spjegat kif ġej:

---

[44] Ara wkoll fl-istess sens ***Olena Volodymyrivna Caruana Verbytska vs. Catherine Imperia Caruana*** (Appell Superjuri, 27/2/2024). B'danakollu, u fl-interess tal-espożizzjoni kompleta dwar il-materja, il-qorti tirrileva li l-ġurisprudenza m'hijiex għal kollox lineari dwar dan il-punt, tant li jeżistu deċiżjonijiet li jqisu li l-mottiv ta' tħassir ta' testment minħabba kaptazzjoni jista' jiġi dedott flimkien u sussidjarjament mal-mottiv l-ieħor tal-inkapaċità mentali tat-testatur (ara, per eżempju, ***John Pace noe et vs. Carmela Chircop***, Prim'Awla, 4/6/1964 – Kollezz. XLVIII.ii.989). F'din id-deċiżjoni appena ċitata, issir ukoll riferenza għad-deċiżjoni ***Giorgio Imbroll nomine vs. Maria Carmela Mougliett*** (Appell Superjuri, 17/6/1921 – Kollezz. Vol.XXIV.i.793), li però wkoll issostni li l-attur, li attakka t-testment abbażi ta' kaptazzjoni, kien ukoll qed jaċċetta l-kapaċità mentali tat-testatur.

[45] Ara per eżempju ***John Pace noe et vs. Carmela Chircop*** (Prim'Awla, 4/6/1964 – Kollezz. Vol.XLVIII.ii.989).

> Gli interpreti antichi, trattando della materia testamentaria, fanno cenno frequente della *suggestione* e della *captazione*. Come dimostreremo appresso, dicevansi disposizioni suggestive quelle, che si carpivano al testatore per domande e risposte, e testamento suggestivo era quello, che constava interamente di tali disposizioni.
> Si chiamavano invece captatorie quelle disposizioni, che taluno carpiva a proprio o ad altrui favore coll'esca di altri disposizioni fatte al beneficiato[46].
> ...
> Ma poi le dette due parole insieme accoppiate, vennero assunte a significare tanto il *dolo buono*, quanto il *dolo malo*. Nel primo caso non viziavono il testamento, nel secondo lo rendevono nullo. Era grave punto di disputa il determinare fin dove giungesse il *dolo bono* e da qual punto incominciasse il *dolo malo*. Tuttavia colle parole «suggestione e captazione» si era più inclinati ad attribuirvi un senso sfavorevole. Con tali paroli si volveva significare quel complesso di artifizi, di rigiri, di manovre, colle quali si sorprendeva la buona fede del testatore e lo si induceva a testare per sè o per altri. Se mancavano tali artifizi, la disposizione non si riteneva *suggestiva* o *captatoria*.
> ...
> La dottrina e giurisprudenza francese e l'italiana questo pure ritennero, ed ammisero l'impugnativa del testamento per suggestione e captazione soltanto come una varietà dell'azione di nullità per causa di dolo: in altri termini, fu ritenuto che la suggestione e la captazione producono la invalidità del testamento, della istituzione o del legato, sempre che fossero effetto di dolosi maneggi; e, sebbene non sia mancata qualche sentenza notevole che ebbe a decidere il contrario, nullameno questa non potè fare stato.
> Si sono ritenuti estremi della suggestione: 1º l'uso di mezzi illeciti; 2º che questi mezzi, come causa ad effetto, abbiano determinato la disposizione; in altri termini, si è richiesto il *dolo determinante*.[47]

35. Jgħid ***Demolombe***: «*Il dolo è parimente una causa di nullità delle donazioni tra vivi e dei testamenti, quando venga dimostrato che la liberalità ne è il prodotto, e che non avrebbe avuto luogo senza i rigiri frodolenti adoperati per circonvenire ed ingannare la volontà del disponente... Primamente affermiamo, che i semplici fatti di suggestione e di captazione non potrebbero formare di per sè cause di nullità. Ciò torna manifesto, quando i fatti che ebbero luogo offrano un carattere di buona fede e di onestà...*

[46] Dwar dan, issir riferenza wkoll għal ***Pothier***, Opere (Livorno, 1841), Vol.III (Trattato dei Testamenti), paġna 559.
[47] ***Vitale***, Il Diritto Civile Italiano: Delle Successioni Legittime e Testamentarie, Vol.I, §§714-716.

*Indubitamente non potrebbesi vietare il suggerire; val dire inspirare ad una persona la idea, il divisamento di una liberalità, che forse non le sarebbe venuta spontaneamente in mente... Neppure èvvi cosa alcuna da censurare o riprendere apparentemente nella liberalità, la quali formi la ricompensa delle disinteressate cure, della sincera amicizia onde una persona seppe attirarsi la benevolente riconsoscenza del disponente!... Ma non pertanto èvvi un limite! e la suggestione e la captazione divengono cause di nullità, quando si trovino accompagnate da rigiri dolosi e frodolenti; o piuttosto allora la vera causa della nullità è il dolo, di cui la suggestione e la captazione sono i mezzi e gli artifizii*»[48]. Huwa utili wkoll l-insenjament ta' ***Pacifici Mazzoni***, li jispjega:

> La verità è che la captazione e la suggestione non sono che forme, che specie di dolo, e sono quindi soggette alle stesse regole generali o particolari che in genere governano il dolo. In altri termini, i mezzi di captazione e suggestione debbono esser tali, che senza di essi il testatore non avrebbe fatto l'atto testamentario impugnato. Ove al contrario cosi grave carattere non abbiano, e perciò non abbiano potuto influire con tanto effetto sullo spirito del testatore, la disposizione testamentaria non ne sarà punto pregiudicata.
>
> La quistione è di fatto, da decidersi perciò dal giudice col suo prudente arbitrio, considerate tutte le loro circostanze. Fra queste circostanze deve essere considerato specialmente lo stato di mente del disponente; sia per determinare la maggiore o minore possibilità in cui siasi trovato di soggiacere a dolose captazioni e suggestioni, sia per giudicare l'effetto di queste sulla sua mente inferme o debole; imperciocchè in generale tale effetto è in ragione inversa della sanità e fortezza di spirito dell'individuo.[49]

36. Il-ġurisprudenza tagħna wkoll ħaddnet il-prinċipji esposti minn dawn il-kittieba u li jsawwru d-duttrina legali kontinentali. Fid-deċiżjoni ***Canonico Decano Don Luigi Albanese ed altri vs. Luigi Borg***, Prim'Awla, 27/5/1872)[50] intqal: «*Che secondo la legge non i suggerimenti, ma le suggestioni artificiose, dolose e fraudolenti sono espressamente dalla legge vietate, perchè tolgono alla volontà la sua libertà*». Għalhekk li xi ħadd jipperswadi lit-testatur sabiex jagħmel testment b'mod minflok ieħor ma jikkostitwiex kaptazzjoni fis-sens tal-liġi, għaliex ir-rieda tat-testatur, anki

[48] Corso del Codice Civile (Napoli, 1877), Vol.IX, §§382-386.
[49] Il Codice Civile Italiano Commentato, Vol.VI, §57.
[50] Kollezz. Vol.VI.224.

jekk frott ta' persważjoni, ma kinitx imġiegħla (ara f'dan is-sens ***Kan. Dekan Francesco Camilleri et vs. Salvina Camilleri***, Appell Superjuri, 19/5/1947)[51].

37. Fid-deċiżjoni ***Paolo Schembri ed altri vs. Maria nata Galea ed altri*** (Prim'Awla, 16/10/1883)[52] intqal hekk:

> ... è la rea astuzia, la menzogna, le reticenze frodolenti, i fatti artificiali intesi ad ingannare, il dolo malo praticato col fine e con mezzi idonei di far sostitituire la propria alla volontà del testatore, di strappare da lui una volontà non libera; del pari che una violenza atta a produrre una impressione perturbatrice, e che realmente avesse servito di causa finale della disposizione testamentaria: tali e simili sarebbero le manovre, i raggiri riprovati dalla legge civile, e che meritamente renderebbero indegno il gratificato col testamento di ricevere le cose a favor suo disposte...
>
> Attesocchè cosi è da tenere di una mera ingegnosità, e dicasi pure un artifizio giudizioso, pari al cosi detto *dolus bonus*, ove pure avesse tanto influenzato l'animo del testatore, che senza di esso non si sarebbe indotto a far testamento, od a cambiare uno già fatto, non si direbbe che abbia *costretto* il testatore, ma che l'abbia *persuaso*.

38. Anki aktar riċentement, l-istess prinċipji ġew ikkonfermati mill-ġdid. Fid-deċiżjoni ***Victoria Xuereb vs. Joseph Refalo et*** intqal: «*Jista' jkun minnu illi l-konvenuti, xi ftit jew wisq, użaw l-influenza tagħhom fuq id-decujus biex jikkonvinċuha tiffavorixxi lilhom minħabba s-servizzi li kienu qed jirrendulha, imma kif ikompli jispjega l-Furgole, iċċitat għal darb'oħra mil-Laurant : "I libri dei romani, egli dice, sono ripieni di esempi che ci mostrano mezzi piu' o meno disonesti adoperati per carpire delle liberalita', come affettazione di rendere dei servigi, i doni, le assiduita', le compiacenze, le amicizie finte ed altre vie oblique disapprovate da quanti si vantavano onesti; le liberalita' cosi' ottenute non vennero mai annulate; al contrario essi si trovano confermate lodevoli perche' ispirati, ad una ragione di sordido interesse; tuttavia non son illeciti, perche' non hanno stretta relazione col dolo e colla frode; ora non bisogna perdere di vista che il dolo soltanto puo' fare della captazione una causa di nullita' . Lo stesso e' a dirsi della suggestione, essa non e' che una persuasione, un ispirazione, un*

---

[51] Kollezz. Vol.XXXIII.i.73.
[52] Kollezz. Vol.X.251.

*consiglio . Fintanto che il sollecitare si limita a blandizie, a servigi, a preghiere, fossero anche importune, la volonta' del disponente resta cio' non pertanto libera; solo la menzogna e la frode corrompono l'animo e viziano la volonta' " (cap. V. sez. III. nn. 15, 25, 26, 36)*»[53]. U għad-distinzjoni bejn is-suġġestjoni leċita u dik permissibbli fil-liġi, tista' ssir riferenza għad-deċiżjoni ***John Pace noe et vs. Carmela Chircop*** (Prim'Awla, 4/6/1964)[54].

39. Naraw allura jekk l-attur irnexxielux iġib provi suffiċċjenti tal-qerq tal-konvenuti.

40. Eżaminati l-provi, li riassunt tagħhom diġà ġie riprodott aktar qabel f'din is-sentenza, din il-qorti jkollha tasal għall-konklużjoni li din il-pretensjoni tal-attur ma tirriżultax.

41. Mill-atti hija nieqsa għal kollox kwalsiasi prova li turi li l-konvenuti b'xi mod eżerċitaw xi raġġiri jew xi artifizji kalunnjużi fil-konfront tat-testatriċi b'mod li hija ma setgħetx tagħmel mod'ieħor ħlief tiddisponi kif għamlet permezz tat-testmenti mpunjati.

42. It-teżi tal-attur hi li l-konvenuti xewwxu lill-ommhom kontra tiegħu b'gideb u b'kalunnji dwaru fis-sens li huwa kien qed jisraqha u jeħdilha flusha mill-bank. Din il-qorti tista' tikkonċedi li l-użu ta' gideb fil-konfront ta' persuna, b'mod li bih persuna oħra tiġi mwebbla biex tiddisponi b'testment skont ir-rieda tal-giddieb li allura tkun qed tiġi mposta fuq it-testatur bil-mezzi frawdolenti (li minnhom il-gideb ċertament jiffurmaw parti) tikkostitwixxi suġġerimenti u kaptazzjoni tali li, jekk ippruvati, jwasslu biex jitqies null it-testment magħmul b'konsegwenza tagħhom. Iżda fil-każ odjern, ma rriżultax assolutament li l-konvenuti gidbu dwar l-attur lill-ommhom.

43. Huwa minnu li bejn l-attur u t-testatriċi kien hemm argument imqanqal meta l-attur ried lill-ommu tiffirma *cheque* u hi ma riditx. Il-fatt li seħħ dan l-argument huwa ċert u dwaru jaqblu l-kontendenti kollha. Però ma jirriżultax għaliex l-omm ħaditha kontra l-attur – huwa possibbli li dan kien minħabba t-tixwix tal-konvenuti iżda huwa wkoll possibbli li l-omm minn rajha ma riditx tħalli aktar f'idejn l-attur l-amministrazzjoni ta' ħwejjiġha. U anki jekk l-omm testatriċi seta' kellha xi suspetti fl-attur minħabba kliem

[53] Qorti tal-Maġistrati, Għawdex, Ġurisdizzjoni Superjuri, 23/10/2007, u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell fit-2 ta' Marzu 2010.
[54] Kollezz. Vol.XLVIII.ii.989.

li ntqal lilha mill-konvenuti, dan ma jfissirx illi r-rieda tagħha ġiet hekk sovvertita b'mod u manjiera li din spiċċat tagħmel dak li riedu l-konvenuti.

44. Kif inhu risaput, l-għemil doluż irid jiġi ippruvat minn min jallegah. L-oneru tal-prova għalhekk kien fuq l-attur sabiex juri li t-testmenti li huwa qed jimpunja f'din il-kawża kienu l-prodotti tal-kaptazzjoni eżerċitata mill-konvenuti. Hija kospikwa għalhekk l-assenza tax-xiehda taż-żewġ nutara pubbliċi li fl-atti tagħhom saru ż-żewġ testmenti in kwistjoni. Ix-xiehda tagħhom setgħet provdiet lill-qorti b'tagħrif dwar iċ-ċirkostanzi li fihom saru dawn it-testmenti: ad eżempju, kinitx it-testatriċi li talbet il-ministeru ta' dawn in-nutara jew kienx ħaddieħor; min kien preżenti għat-tħejjija tat-testment; kienx hemm familjari jew qraba tat-testatriċi li b'xi mod intervjenew man-nutar dwar il-kontenut jew inkella biex jitkixxfu dwar l-istess kontenut; u ċirkostanzi oħrajn li forsi bil-provi tagħhom taf kienet tiġi korraborata l-pretensjoni tal-attur dwar il-pressjoni u l-kaptazzjoni eżerċitati mill-konvenuti.

45. F'dan il-kuntest il-qorti ikkunsidrat wkoll l-istat mentali tat-testatriċi **<u>fiż-żmien li fih hija għamlet it-testmenti mpunjati</u>**. Kif rajna, dan l-istat mentali huwa rilevanti fil-każ in eżami mhux sabiex jintwera jekk it-testatriċi kellhiex il-kapaċità li tagħmel dawk it-testmenti – il-kawża ma ġietx dedotta fuq din il-kawżali. Dak l-istat mentali però huwa rilevanti u pertinenti sabiex jiġi determinat xi grad u xi kwalità t'artifizji kellhom jiġu eżerċitati sabiex ir-rieda tat-testatriċi tkun tista' titqies vizzjata b'konsegwenza tal-għemil doluż li l-attur jgħid li l-konvenuti eżerċitaw fuqha.

46. Il-qorti eżaminat il-provi prodotti anki fir-rigward tal-istat mentali tat-testatriċi, u qieset li l-parti l-kbira ta' dawn il-provi kienu jirrigwardaw iż-żmien li fih it-testatriċi ddaħħlet l-isptar u mietet ftit jiem wara. Dan kien lejn l-aħħar tas-sena 2015, u kwindi iktar minn sentejn wara li sar l-aħħar testment tagħha. Il-qorti tqis dawk il-provi inkonklussivi u aktarx irrilevanti, billi l-fatt li t-testatriċi setgħet kienet afflitta minn dimenza severa fl-2015 ma jfissirx li dik l-istess afflizzjoni kienet teżisti aktar minn sentejn qabel.

47. L-attur xehed li l-ewwel sintomi tal-kondizzjoni ta' dimenza bdew jimmanifestaw ruħhom fit-testatriċi fis-sena elfejn u ħdax (2011), u din ix-xiehda tiegħu hija sa ċertu punt korraborata mit-Tabib Frank Fenech, li però xehed li s-sintomi li jiftakar huwa kienu ħfief. L-ewwel testment impunjat fil-fatt sar fl-10 ta' Novembru 2011, u l-qorti

ma jidhrilix li l-provi prodotti juru li dan l-istat ta' dimenza kien tali li affettwa lit-testatriċi b'mod u manjiera tali kif huwa neċessarju sabiex l-impunjattiva tal-attur tista' tirnexxi. Fuq kollox, qabel sar dan it-testment, it-testatriċi kienet eżaminata minn psikjatra li xehed f'din il-kawża u li bl-aktar mod ċar ikkonferma li t-testatriċi kienet fi stat mentali san, li allura wkoll irendi aktar oneruża l-prova tal-qerq attribwit mill-attur lill-konvenuti.

48. Hekk ukoll, l-istess psikjatra invista lit-testatriċi anki qabel ma sar it-testment tat-28 ta' Frar 2013, u anki f'dik l-okkażjoni sab li l-attriċi kienet fi stat ta' saħħa mentali suffiċċjentement san biex tagħmel testment. Dan ifisser ukoll illi t-testatriċi ma kinitx tinsab fi stat mentali indebolit b'mod li sfat tant aktar vulnerabbli għall-artifizji ta' ħaddieħor. Għalkemm hu minnu li rriżulta li professjonisti mediċi oħrajn niżżlu f'dokumenti mediċi dwar Antonia Darmanin li din kienet diżorjentata fir-rigward ta' żmien u lok f'dik l-epoka tas-sena 2013, il-qorti ma jidhrilix li b'daqshekk għandha tiskarta x-xiehda tal-Psikjatra Dimech. Fuq kollox, kif xehed ukoll l-istess psikjatra, il-kondizzjoni ta' dimenza hija waħda deġenerattiva, fis-sens illi l-mod kif tolqot il-fakultajiet mentali tal-pazjent ivarja minn żmien għal żmien, u l-grad ta' dak l-effett irid jiġi ippruvat. Mhux kull min hu milqut minn demenza huwa prekluż mill-kapaċità testamentarja, billi sabiex dik il-kondizzjoni teskludi l-kapaċità hu meħtieġ li din tkun severa (ara wkoll f'dan is-sens ***Rosina Cassar et vs. Philip sive Pinu Azzopardi***, Prim'Awla, 28/2/2020)[55].

49. Il-provi ma jurux li fit-28 ta' Frar 2013, il-kondizzjoni tat-testatriċi kienet iddeġenerat b'tali mod li hija kienet vulnerabbli għall-pressjoni tal-konvenuti. Anzi, x-xiehda tal-Psikjatra Dimech turi li f'dak iż-żmien, it-testatriċi kienet luċida u orjentata, u għalhekk ukoll inqas suxxettibbli għall-pressjoni li terzi setgħu eżerċitaw fuqha.

50. Għalhekk il-qorti qed tikkonkludi li l-ewwel żewġ talbiet tal-attur ma jistħoqqilhomx jiġu milqugħin, u tant'ieħor mhux mistħoqqa huma r-raba' u l-ħames talbiet tiegħu, li huma kompletament dipendenti u konsegwenzjali għall-ewwel żewġ talbiet.

Ikkunsidrat:

---

[55] Appellata.

51. Illi la darba allura t-talbiet tal-attur sabiex l-aħħar żewġ testmenti t'ommu jiġu dikjarati nulli u bla effett mhux qed jintlaqgħu, isir doveruż għall-qorti li teżamina t-tielet talba tal-attur, li permezz tagħha huwa qiegħed jitlob illi l-qorti ssib illi «*... l-provvediment dwar id-diżeredazzjoni fit-testment datat 7 ta' Marzu 2013 huwa null u bla effett stante illi ma tingħatax tifsira tar-raġuni ta' l-istess diżeredazzjoni skont kif trid il-liġi*».

52. Il-qorti hawnhekk ukoll trid tinnota li l-attur qiegħed jibbaża l-impunjazzjoni tiegħu fuq il-fatt li fit-testment ċitat it-testatriċi ma tatx ir-raġuni tad-diżeredazzjoni kif trid il-liġi. Raġuni li hija mibnija interament fuq dak li jipprovdi l-artikolu 629 tal-Kodiċi Ċivili. Kemm hu hekk, fir-raġunijiet tat-talba esposti fir-rikors ġuramentat (ara folio 5), l-attur jgħid li t-testment in kwistjoni huwa milqut minn «difett proċedurali», u ċjoè n-nuqqas li t-testatriċi tispeċifika u tfisser ir-raġuni għad-diżeredazzjoni.

53. Dan allura jfisser illi l-attur mhux, almenu f'dan l-istadju, jattakka r-raġuni nnifisha li għaliha huwa ġie diżereditat. Aktarx l-attur għamel hekk għaliex f'din l-istanza huwa qiegħed jiddeduċi talbiet sabiex jinvalida t-testment jew inkella parti minnu minħabba nuqqas formali, filwaqt li jekk jikkontesta r-raġuni għad-diżeredazzjoni fil-meritu tagħha, jkun qed jagħraf il-validità formali tad-diżeredazzjoni.

54. Hi x'inhi r-raġuni, jibqa' l-fatt li kif diġà ġie spjegat, il-qorti hija marbuta bit-termini, bil-kawżali u bit-talbiet li l-attur għamel fir-rikors ġuramentat tiegħu, u mhux konsentit li tqis raġunijiet jew talbiet oħrajn li jmorru lil'hinn minn dak kontenut fl-istess att promotur. Din mhux biss kwistjoni ta' formalità, imma hija wkoll meħtieġa sabiex jiġu rispettati d-drittijiet ta' difiża tal-konvenuti, li fil-provi tagħhom, illimitaw ruħhom għal dak li kien qed jintalab mill-attur, u xejn aktar minn hekk.

55. Inqisu għalhekk l-istitut tad-diżeredazzjoni skont id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili, li huma s-segwenti:

> **622.** Barra mir-raġunijiet li għalihom wieħed jista' jsir mhux denn li jiret, il-persuni li skont il-liġi għandhom il-jedd għas-sehem riżervat jistgħu jiġu mċaħħda minnu b'dikjarazzjoni magħmula għaldaqshekk mit-testatur, għal

xi raġuni msemmija f'dan il-Kodiċi, u li tkun imfissra fit-testment.

**623.** Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 630, ir-raġunijiet li għalihom dixxendent jista' jiġi diżeredat huma dawn biss li ġejjin:
(a) jekk id-dixxendent ikun ċaħad mingħajr raġuni l-manteniment lit-testatur;
(b) jekk, fil-każ li t-testatur jiġġennen, id-dixxendent jabbandunah mingħajr ma jieħu b'ebda mod ħsieb tiegħu;
(ċ) jekk, fil-każ li d-dixxendent seta' jeħles lit-testatur mill-ħabs, hu naqas mingħajr raġuni tajba li jagħmel dan;
(d) jekk id-dixxendent sawwat it-testatur, jew xort'oħra sar ħati ta' moħqrija lejh;
(e) jekk id-dixxendent kien ħati lejn it-testatur ta' offiża gravi;
(f) jekk il-persuna dixxendenti tkun tipprostitwixxi ruħha mingħajr konnivenza tat-testatur;
(g) f'kull każ li fih it-testatur, minħabba ż-żwieġ tad-dixxendent, ikun ġie, taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 27 sa 29, dikjarat ħieles mill-obbligu li jagħti l-manteniment lil dak id-dixxendent.

**625.** (1) Ir-raġuni tad-diżeredazzjoni għandha tiġi ppruvata minn dak li jsostni d-diżeredazzjoni.
(2) Jekk tkun issemmiet iżjed minn raġuni waħda, il-prova ta' waħda hija biżżejjed.

**629.** Meta fit-testment ma tkunx imsemmija r-raġuni li għaliha wieħed ikun ġie diżeredat, jew ma tiġix ippruvata, id-diżeredat għandu jedd għas-sehem riżervat biss.

56. Illi għajr għal xi emendi kożmetiċi (ad eżempju s-sostituzzjoni tal-kelma "leġittima" mal-kliem "sehem riservat") dawn id-disposizzjonijiet baqgħu fl-istat oriġinali tagħhom, kif oriġinarjament promulgati fl-Ordinanza VII tal-1868. Oriġinarjament id-disposizzjonijiet fuq riprodotti kienu fl-Ordinanza msemmija numerati 320, 321, 323 u 327.

57. Illi fid-deċiżjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, presjeduta mill-Imħallef T. Gouder, fil-każ ***Maria Salvina dei Baroni Attard Montalto vs. Tabib Dr Angelo dei Baroni Attard Montalto*** (29/3/1949)[56], insibu dan li ġej:

[56] Kollezz. Vol.XXXIII.ii.357.

> Illi, difatti, kif huwa risaput, taħt id-Dritt Ruman Antik, bħala konsegwenza tal-potestà illimitata tal-missirijiet fuq uliedhom il-missirijiet setgħu jiddiżeredaw lil uliedhom mingħajr ma jindikaw il-motiv tad-diżeredazzjoni. Dan il-poter eċċessiv tal-missirijiet in rigward tad-diżeredazzjoni mbagħad ġie temperat, u ġie mogħti lit-tfal, diżeredati mingħajr indikazzjoni ta' motiv, rimedju bl-azzjoni li kienet magħrufa bħala "inofficiosi testamenti querela", li kienet tirpoża fuq finzjoni; kien jiġi maħsub, f'dak il-każ, li l-missier ma kellux l-użu tar-raġuni fil-mument li għamel it-testment. Giustiniano ddetermina pożittivament id-dmir tal-missirijiet fil-materja tad-diżeredazzjoni bin-Novella CXV, cap. 3, u stabbilixxa tassattivament "le sole cause" li setgħu jagħtu lok għad-diżeredazzjoni; u dawn huma erbatax

58. Illi fid-deċiżjoni tagħha fil-każ ***Giovanni Bartolo vs. Antonio Bartolo et***[57], il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għamlet is-segwenti sunt tal-prinċipji ġenerali applikabbli għal dan l-istitut:

> L-istitut tad-diżeredazzjoni fil-Kodiċi tagħna ġej mid-Dritt Ruman, u sussegwentement mill-Kodiċi tar-Regno delle Due Sicilie, li segwa anki d-Dritt Ruman. Fid-Dritt Ruman antik kienet diġà konoxxuta l-"Ex haereditatio", li setgħet tkun "malamente" jew bonamente". Kien però l-Imperatur Giustiniano li bin-Novella 115 iddixxiplina aħjar dana l-istitut, u impona illi fid-diżeredazzjoni għandha tiġi ndikata l-kawża, li kellha tkun waħda minn dawk indikati mil-liġi u li ma setgħux jiġu estiżi b'analoġija. F'każ ta' kontestazzjoni tal-kawża, allura l-eredi kien fl-obbligu li jipprova kontra l-eskluż il-verità tal-kawża allegata għad-diżeredazzjoni. Fin-novella ngħad : - "Ut praeter eas nemini liceat, eas nominatim praesenti lege comprehendimus. Et scripti haeredes nominatam vel nominatas causas vel unam ex his veram esse monstraverint". L-art.848 tal-Kodiċi Siċiljan irriproduċa sostanzjalment id-dispożizzjoni tan-Novella. Fid-Dritt Franċiż antik, kif jidher mit-Trattat tal-Merlin, id-diżeredazzjoni kienet teżisti bażata anki fuq id-Dritt Ruman; imma mbagħad ġiet imneħħija bil-Liġi tas-7 ta' Marzu 1793 (Voċe Disredazione, paġ. 822-842).
>
> Attwalment, kif josserva l-Baudrey, dana l-istitut jinsab proskritt tant fil-Kodiċi Franċiż kemm ukoll f'dak Taljan, imma jeżisti fil-Kodiċi Spanjol u Portugiż (art.848-857 Kod. Span. u 1875-1884 Kod. Port.) – Vol.I Donaz. e Test. Paġ.323. Anki dawna l-kodiċijiet jindikaw tassattivament il-kawżi tad-diżeredazzjoni b'mod illi, kif josserva l-Baudrey, "sotto loa

[57] Prim'Awla, 7/1/1936 – Kollezz. Vol.XXIX.ii.880.

> garanzia della legge ed il controllo del giudice si esercita dunque il diritto che si riconosce al testatore di privare i suoi legittimari della loro legittima". Fil-Kodiċi tagħna ġiet segwita r-regola tad-Dritt Giustinianeo, illi l-kawża tad-diżeredazzjoni għandha tkun provata minn għand min isostni d-diżeredazzjoni (art.323).
>
> …
>
> Illi jista' jingħad illi l-interpretazzjoni għandha tkun restrittiva kontra min irid iwaqqa' d-diżeredazzjoni, għaliex għandha tiġi rispettata l-volontà tat-testatur. Il-verità hija illi l-interpretazzjoni għandha tkun restrittiva favur, u mhux kontra, min qiegħed jimpunja d-diżeredazzjoni, għaliex id-diżeredazzjoni, kif igħid il-Merlin (loco citato) hija ħaġa odjuża (paġ.824). Il-liġi, anki kontra l-volontà tat-testatur, irriservat il ċertu persuni sehem mill-wirt tal-istess testatur; biex kwindi t-testatur jista' b'dispożizzjoni testamentarja jidderoga għal-liġi, u jħassar l-effikaċja tar-riżervi li l-liġi għamlet anki f'każ ta' preterizzjoni mill-parti tat-testatur, hemm bżonn illi tkun teżisti kawża minn dawk enumerati mil-liġi u hemm bżonn li tiġi sodisfaċentement provata mill-eredi. Il-liġi tippermetti d-deroga għad-dispożizzjoni tagħha dwar il-leġittima f'każi determinati; hemm bżonn kwindi li dawk il-każi jiġu pruvati

59. Illi fl-istess sens hija wkoll id-deċiżjoni mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fil-kawża ***Dorothy Grech vs. Deborah Fenech De Fremaux*** (8/2/2006).

60. Illi fin-noti tiegħu, Sir Adriano Dingli niżżel is-segwenti notamenti dwar dawn id-disposizzjonijiet:

| | |
|---|---|
| Art.320 | S.737, D.S. 848 |
| Art.321 | S.738. Cassinis. Miglietti non porta la diseredazione |
| Art.323 | P.654/5. S.740. D.S.851 |
| Art.327 | P.657. T.350. S.742. |

61. Illi minn dawn in-notamenti, huwa evidenti li l-fonti prinċipali użat minn Sir Adriano Dingli fir-redazzjoni tad-disposizzjonijiet li jsawwru l-istitut tad-diżeredazzjoni fil-liġi tagħna huwa l-Kodiċi Sard (rappreżentat mill-ittra "S"). Fil-fatt, l-artikolu 629 tal-Kodiċi tagħna (li fuqu hija bażata t-tielet talba tal-attur), u li kien l-artikolu 327 tal-

Ordinanza VII tal-1868, huwa bażat fuq l-artikolu 742 tal-Kodiċi Sard, li kien jgħid hekk:

> 742. Quando non sia espressa la causa della diseredazione o non ne venga fatta la prova, il diseredato avrà diritto alla sola legittima.

62. F'dan ir-rigward inżamm minn kummentaturi dwar il-Kodiċi Sard li din id-dispożizzjoni kienet introdotta sabiex tippreserva r-regola preżenti fid-dritt Ruman, li permezz tagħha id-diżereditat kien jiġi ammess għall-eredità jekk il-ġenituri ma jdaħħlux ir-raġuni tad-diżeredazzjoni jew inkella, jekk tiddaħħal, ma tkunx ippruvata. F'dawn il-każijiet, ma jitqiesx invalidu t-testment sħiħ, iżda biss id-diżeredazzjoni: *si autem hæc observata non fuerint, nullis exheredatis liberis præiudicium generari, sed quantum ad institutionem heredum pertinet, testamento evacuato, ad parentum hereditatem liberis tamquam ab intestato ex æqua parte pervenire* (dict. nov. 115, cap. 3, § ult.)[58]. Pożizzjoni din li hija miżmuma fil-liġi tagħna wkoll.

63. Issa l-artikolu 622 tal-Kodiċi Ċivili jgħid li persuna tista' tiġi mċaħħda mis-sehem riservat lilha skont il-liġi jekk (i) issir dikjarazzjoni dwar dan fit-testment mit-testatur, (ii) għal waħda mir-raġunijiet imsemmija mil-liġi fl-artikolu 623, u (iii) liema raġuni tkun imfissra fit-testment. L-attur isostni li r-raġuni mogħtija fit-testment tat-28 ta' Frar 2013, u ċjoè li huwa ħati ta' offiża gravi lejn it-testatriċi, ma ġietx imfissra, u jagħmel għalhekk distinzjoni bejn it-tismija u t-tifsir tar-raġuni għad-diżeredazzjoni.

64. L-artikolu 629, min-naħa l-oħra, jgħid li d-diżereditat jieħu s-sehem riservat jekk ir-raġuni ma tissemmiex, u mhux ma titfissirx.

65. Kif diġà rajna, l-artikolu 622 qatt ma ġie emendat mindu ġie oriġinarjament promulgat. Fit-test oriġinali tiegħu, li kien fl-ilsien taljan, kien jgħid hekk:

> Oltre le cause per le quali uno può rendersi indegno di succedere, le persone a vantaggio delle quali la legge stabilisce una porzione legittima, possono, con una dichiarazione espressa del testatore, esserne private, per una

[58] Manuale Forense ossia Confronto fra il Codice Albertino, il Diritto Romano e la Legislazione Anteriore (Torino, 1839), Vol.IV, paġ.282.

causa ammessa in quest'Ordinanza, e spiegata nel testamento.

66. Huwa evidenti għalhekk li l-liġi trid li t-testatur **jispjega** r-raġuni tad-diżeredazzjoni, u mhux sempliċiment isemmiha fit-testment. Din il-qorti jidhrilha li l-prinċipju regolatur fil-materja ta' diżeredazzjoni huwa li dan l-istitut għandu jiġi interpretat b'mod strett u rigoruż minħabba n-natura odjuża tiegħu. Il-liġi trid li d-diżeredazzjoni tkun imposta mit-testatur, u biex dik l-impożizzjoni sseħħ, it-testatur irid ifissirha, u ċjoè ifisser iċ-ċirkostanzi ta' fatt li skontu jinkwadraw f'xi waħda jew aktar miċ-ċirkostanzi previsti fl-artikolu 623. Jekk dik it-tifsira u spjegazzjoni ma tingħatax mit-testatur u d-diżeredazzjoni titqies valida, ikun ifisser li għan-nuqqas tat-testatur jistgħu jissupplixxu l-eredi tiegħu, li mbagħad huma skont l-artikolu 625(1) imsejħa biex jippruvaw ir-raġuni tad-diżeredazzjoni. Dan m'għandux ikun.

67. Għalhekk it-tifsira korretta tal-artikolu 629 hi li, sabiex id-diżeredazzjoni tiswa, mhux suffiċċjenti li t-testatur jindika r-raġuni u li din tiġi ippruvata mill-werrieta, imma huwa wkoll neċessarju li dik ir-raġuni tkun ġiet spjegata fit-testment, kif irid l-artikolu 622[59].

68. Spjegazzjoni din li hija għal kollox karenti fit-testment tat-28 ta' Frar 2013, u għalhekk il-qorti qed tqis it-tielet talba tal-attur ġustifikata.

Ikkunsidrat:

69. Illi la darba l-qorti sejra tilqa' t-tielet talba tal-attur, isegwi li huwa għandu l-jedd għas-sehem riservat mill-eredità tal-omm, liema sehem se jiġi likwidat f'din l-istess kawża.

70. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom il-konvenuti jopponu għal-likwidazzjoni tas-sehem riservat, u jsostnu li t-talba tal-attur f'dan ir-rigward kienet waħda neboluża, u huma jinsabu sorpriżi kif l-attur qed jirradika l-pretensjonijiet tiegħu f'dan ir-rigward fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom. Il-konvenuti ssottomettew li huma minn dejjem assumew li s-sitt u s-seba' talbiet tal-attur kienu marbuta mat-talbiet tiegħu dwar in-

[59] Tal-istess fehma kienu d-deċiżjonijiet ***Mark Cini et vs. Michael Paul Asciak et*** (Prim'Awla, 20/5/2021) u ***Mary Schembri pro et noe et vs. Dennis Schembri et*** (Prim'Awla, 16/11/2017).

nullità tat-testment, u fil-fatt fir-rikors ġuramentat imkien ma jissemma s-sehem riservat.

71. Il-qorti ma taqbilx mal-konvenuti. Jekk il-konvenuti assumew li l-aħħar żewġ talbiet huma marbuta ma' wħud mit-talbiet preċedenti u mhux m'oħrajn, dik l-assunzjoni għamluha huma. Il-qorti fehmet li l-likwidazzjoni mitluba mill-attur tirreferi għas-sehem riservat. L-attur ma talabx il-likwidazzjoni, il-qsim u l-assenjazzjoni tal-eredità tal-omm, li huwa dak li kellu jsir kieku t-talbiet tiegħu kontra l-validità tat-testmenti rnexxew. L-attur talab biss il-likwidazzjoni tas-sehem li jmiss lilu mill-wirt tal-omm, u dan anki fil-kuntest tat-talba tiegħu in kontestazzjoni tad-diżeredazzjoni mposta fil-konfront tiegħu. Il-konsegwenza tas-suċċess ta' dik it-talba hija appunta d-dritt għas-sehem riservat, u għalhekk kellu jkun previst mill-konvenuti li l-attur kien qed jippretendi l-likwidazzjoni proprju ta' dak is-sehem permezz tas-sitt u s-seba' talbiet tiegħu.

72. Illi skont l-artikolu 616(1) tal-Kodiċi Ċivili, la darba Antonia Darmanin kellha sebat itfal, is-sehem riservat spettanti lill-attur huwa settima parti ($^1/_7$) minn nofs indiviż tal-patrimonju tagħha. Kif qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża ***Michael Bonnici et vs. Reverendu Dun Francis Bonnici et***: «*Il-kriterju tal-valutazzjoni biex issir il-likwidazzjoni tas-sehem riservat għandu jkun kemm kien jiswa l-ġid fiż-żmien li nfetaħ il-wirt u fil-kundizzjoni li kien f'dak iż-żmien*»[60].

73. Mill-provi rriżulta li l-eredità ta' Antonia Darmanin, dakinhar tal-mewt tagħha, kienet magħmula mis-segwenti:

i. nofs indiviż tal-appartament numru tnejn, formanti parti minn London Flats, f'St Peter's Street, Fgura, bil-valur ta' €105,000[61];
ii. €7,473.81 fil-kont numru 205012780012 ma' MeDirect Bank (Malta) plc[62];
iii. €5,639.75 fil-kont numru 205012780029 ma' MeDirect Bank (Malta) plc[63];
iv. €32,823 fil-kont numru 305012780057 mal-istess bank[64];

[60] 25/7/2012.
[61] Ara folio 623.
[62] Ara folio 297.
[63] Ara folio 302.
[64] Ara folio 303.

v. €5,000 fil-kont numru 305012780064 mal-istess bank[65];

vi. €6,517.06 fil-kont numru 3050127800040 mal-istess bank[66];

vii. €6,517.06 fil-kont numru 3050127800033 mal-istess bank[67];

viii. €5,200 fil-kont numru 305012780026 mal-istess bank[68];

ix. €9,958 fil-kont numru 305012780019 mal-istess bank[69];

x. €129.63 fil-kont numru 00017178618001 ma' BNF Bank Malta plc[70];

xi. €3,000 fil-kont numru 171786.20.012 mal-istess bank[71];

xii. €5,924 fil-kont numru 171786.20.013 mal-istess bank[72];

xiii. €5,924 fil-kont numru 171786.20.014 mal-istess bank[73];

xiv. €58,000 fil-kont numru 171786.20.015 mal-istess bank[74];

xv. €58,000 fil-kont numru 171786.20.016 mal-istess bank[75];

xvi. €11,000 fil-kont numru 171786.20.017 mal-istess bank[76];

xvii. €13,500 fil-kont numru 171786.20.018 mal-istess bank[77];

xviii. €4,059.79 fil-kont numru 11200761154 mal-Bank of Valletta[78];

xix. €12,000 fil-kont numru 40019574121 mal-istess bank[79];

xx. €99.16 fil-kont numru 40014085084 mal-istess bank[80];

xxi. €8,200 fil-kont numru 40019818272 mal-istess bank[81];

xxii. €2,500 fil-kont numru 40019818285 mal-istess bank[82];

xxiii. €5,000 fil-kont numru 40020661298 mal-istess bank[83];

xxiv. €7,000 fil-kont numru 40022888260 mal-istess bank[84];

---

[65] Ara folio 304.
[66] Ara folio 306.
[67] Ara folio 308.
[68] Ara folio 311.
[69] Ara folio 313.
[70] Ara folio 328.
[71] Ara folio 333.
[72] Ara folio 334.
[73] Ara folio 335.
[74] Ara folio 336.
[75] Ara folio 337.
[76] Ara folio 338.
[77] Ara folio 339.
[78] Ara folio 348.
[79] Ara folio 352.
[80] Ara folio 353.
[81] Ara folio 359.
[82] Ara folio 360.
[83] Ara folio 362.
[84] Ara folio 365.

xxv. investiment fil-Vilhena Sterling Income Fund li fiż-żmien tal-mewt tat-testatriċi jidher li kellu valur ta' €33,890.95[85];

74. F'dan l-eżerċizzju l-qorti ma ħaditx qies ta' tranżazzjonijiet li seħħew wara l-mewt tat-testatriċi, u lanqas spejjeż li jidher li ġew inkorsi mill-konvenuti b'konnessjoni mad-depożitu ta' garanzija bankarja minħabba att kawtelatorju preżentat mill-attur. Is-sehem riservat kjarament irid jiġi kalkolat skont il-qagħda prevalenti fil-ftuħ tas-suċċessjoni, u ċjoè mal-mewt tat-testatriċi, u għalhekk dak li seħħ wara hu rrilevanti, salv ċirkostanzi eċċezzjonali li ma jirriżultawx f'dan il-każ.

75. Għalhekk l-attiv totali tat-testatriċi jidher li kellu valur ta' €307,356.31 fi flus likwidi, u €105,000 f'attiv immobbli. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu[86], l-attur jgħid li s-somma kumplessiva ta' €47,505.55 huma flejjes li jappartjenu lill-kontendenti lkoll (ħlief il-konvenuta Carmen Camilleri) bħala werrieta ta' missierhom, u li fuqhom it-testatriċi kellha biss użufrutt, u liema flus tħalltu mal-patrimonju tagħha. Dawn għandhom jitnaqqsu u fuqhom ma jiġix komputat is-sehem riservat, billi l-attur għandu sehem mill-istess fondi bħala werriet ta' missieru.

76. Dan iġib għalhekk il-valur tal-patrimonju tat-testatriċi fi żmien mewtha fl-ammont ta' €364,850. Is-sehem riservat tal-attur jiġi sehem minn erbatax ($^{1}/_{14}$), u b'hekk €26,060.

77. Billi l-attur ressaq din il-kawża f'inqas minn sentejn wara l-mewt t'ommu, japplika dak li jipprovdi l-artikolu 615(2) tal-Kodiċi Ċivili dwar l-imgħaxijiet legali.

78. Għal dawn ir-raġunijiet kollha l-Qorti qiegħda taqta u tiddeċiedi din il-kawża billi:

(i) tqis li l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti ġiet sorvolata permezz tan-nota preżentata mill-attur fit-12 t'Awwissu 2016[87];

(ii) tilqa' t-tieni u l-ħames eċċezzjonijiet tal-konvenuti, iżda tiċħad it-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet tagħhom;

---

[85] Ara folio 391.
[86] Ara folio 949.
[87] Ara folio 52.

(iii) tiċħad l-ewwel, it-tieni, r-raba’ u l-ħames talbiet tal-attur;

(iv) tilqa’ t-tielet talba;

(v) tilqa’ s-sitt talba u tillikwida s-sehem riservat spettanti lill-attur mill-wirt ta’ Antonia Darmanin fis-somma ta’ sitta u għoxrin elf u sittin Ewro (€26,060);

(vi) tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lill-attur is-somma ta’ sitta u għoxrin elf u sittin Ewro (€26,060), bl-imgħaxijiet legali mit-28 ta’ Novembru 2015 sal-jum tal-ħlas effettiv;

(vii) fid-dawl tar-rebħ u t-telf rispettiv tal-kontendenti, kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha.

Onor. Mark Simiana, LL.D
Imħallef

Lydia Ellul
Deputat Reġistratur